# KUNSILL LOKALI MTARFA

## IL-ĦAMES LEĠIŻLATURA
## MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL
## LAQGĦA NUMRU 43 – IT-TNEJN 23 TA' LULJU 2012

Il-Kunsill iltaqa' fis-Sala tal-Kunsill Lokali Mtarfa fit-7:55pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti : | Anthony Mifsud | Sindku |
| | Simon Paul Fenech | Viċi Sindku |
| | Antoine Vella | Kunsillier |
| | Helen Maria Bugeja | Kunsillier |
| | Anatole Scerri Diacono | Kunsillier |
| | Josette Micallef | Segretarju Eżekuttiv |

Kien hemm żewġ membri mill-pubbliku jattendu lejn laħħar tal-laqgħa.

Il-laqgħa ma bdietx fil-ħin minħabba li l-Kunsill iltaqa' mas-Sur Mario Camilleri sabiex sar il-post-mortem dwar l-attività Military Mtarfa 2012.

### 1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI 42

1.1 Il-Minuti tas-seduta 42 ġew meqjusa bħala moqrija u ġew approvati unanimament mingħajr ebda emenda u ffirmati mis-Sindku u mis-SE.

### 2. PUNTI MILL-MINUTI 42

2.1 Għall-mistoqsija tal-Viċi Sindku dwar il-planter ta' Triq in-Narċis, is-SE infurmat li kien għadu ma tneħħiex. Hija kienet se tagħmel l-arranġamenti meħtieġa sabiex jitneħħa.

2.2 Il-Viċi Sindku reġa' ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar nuqqasijiet min-naħa tal-kuntrattur tat-tindif tat-toroq. Wara diskussjoni kien hemm qbil li għandha tingħata twissija fil-forma ta' *default* lill-kuntrattur. Din ġiet proposta mis-Sindku u ssekondata mill-Viċi Sindku.

2.3 Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Vella dwar is-siġar ta' Triq Sir Leslie Rundle, is-SE reġgħet infurmat li l-Awtorità tad-Djar kienet qed tiġbor il-kwotazzjonijiet għax-xogħol meħtieġ.

2.4 Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Vella dwar is-sinjali ta' Triq Santa Luċija, is-SE infurmat li kienet irċeviet l-approvazzjoni minn TM u s-sinjali ġew immarkati mill-ħaddiema tal-Kunsill.

2.5 Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Vella dwar il-parkeġġ ta' quddiem Binja San David, is-SE infurmat li l-Perit kien bagħat il-pjanta għand TM u li hekk kif tingħata l-approvazzjoni tagħhom, din għandha tiddaħħal il-MEPA.

2.6 Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Vella dwar ħmieġ quddiem l-Iskola Sekondarja, is-SE infurmat li ma kinitx għadha kitbet lill-Iskola dwaru.

## 3. ĦLASIJIET U PAGAMENTI

3.1 Is-SE preżentat rapport li juri d-dħulijiet li kellu l-Kunsill matul ix-xahar ta' Ġunju. Kopja tiegħu hija annessa.

3.2 Is-SE infurmat li l-kont li jidher fuq Charles Sant għal €350 kien tnaqqas minn €480 minħabba li kienet inġibdet l-attenzjoni tal-kuntrattur li x-xogħol ma sarx kif miftihem.

3.3 Il-lista tal-pagamenti, kopja tagħha mehmuża, ġiet approvata u ffirmata.

3.4 Is-SE preżentat lista ta' spejjeż u dħulijiet li jirrigwardjaw l-attività ta' Military Mtarfa 2012. Hija infurmat li l-ispejjeż kienu telgħu għal €7479.66, il-Kunsill kien se jdaħħal lura €3440 u għaldaqstant fir-realtà l-ispiża ta' din l-attività kienet se tiswa lill-Kunsill €4039.66 biss.

3.5 Is-SE infurmat li l-Kunsill kellu bżonn ta' binding machine għall-użu tal-uffiċċju. Il-Kunsill approva li tinxtara waħda għall-prezz ta' €119, eskluż il-VAT.

## 4. KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

4.1 Is-Sindku informa li b'riferenza għall-kopja tal-i*specifications* dwar il-kuntratt tal-ġbir ta' skart li l-Kunsilliera kienu rċevew mingħand is-SE, huwa kien qed jipproponi li jonqos in-numru ta' skips fejn il-ġbir isir *door-to-door* minħabba li b'mod regolari dawn l-iskips kienu qed jiġu abbużati minn terzi persuni, anke li m'humiex mil-lokalità tal-Imtarfa. Min-naħa l-oħra iżda, il-Kunsilliera ma qablux ma' din il-proposta tas-Sindku. Hawnhekk il-Kunsillier Vella ssuġġerixxa li l-Kunsill iqabbad il-*green wardens* jagħmlu sorveljanza madwar l-iskips. Is-SE infurmat li għal matul ix-xahar ta' Awwissu suppost il-Kunsill se jkollu 6 sigħat ta' servizz tal-*green wardens* u għaldaqstant suppost li l-Kunsill għandu jara xi riżultat fil-pożittiv. Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jara l-andament u mbagħad jiddeċiedi jridx iħallas għal servizzi addizzjonali. Sadanittant kien hemm qbil ukoll li l-Kunsill għandu jagħmel avviż biex ir-residenti jkunu infurmati li l-Kunsill se jibda jagħmel l-infurzar neċessarju kontra min jabbuża jarmi l-iskart barra.

4.2 Sadanittant, il-Kunsill informa lis-SE sabiex tipproċedi bl-offerta għall-ġbir ta' skart domestiku.

4.3 Hawnhekk skużat ruħha l-Kunsilliera Bugeja. Il-ħin kien id-9:15am.

4.4 Is-Sindku talab lis-SE sabiex tibgħat tfakkira lil TM dwar ir-rikostruzzjoni tal-bankina fi Triq l-Imarfa għaliex għalkemm wegħdu li se ssir, sal-ġurnata kienet għadha ma tmissitx.

4.5 Is-Sindku talab lis-SE sabiex tivverifika jekk hemmx stima riċenti għar-resurfacing ta' Triq l-Anzjani u kemm-il darba teżisti, din għandha tintbagħat lil TM sabiex tintalab l-għajnuna għar-rikostruzzjoni tagħha.

4.6 Is-Sindku għamel riferenza għat-tabelli ta' kontra l-logħob bil-ballun, roti, eċċ li twaħħlu fil-pjazza. Huwa qal li kellu numru ta' lmenti mir-residenti minħabba li sakemm jitlesta l-proġett tal-bandli, it-tfal tal-lokal m'għandhomx fejn jilgħabu. Kien hemm qbil li s-SE għandha tkellem lill-avukat tal-Kunsill sabiex jivverifika jekk hemmx xi ħin allokat għar-residenti fil-kuntratt tad-Depiro. Kien hemm qbil ukoll li l-Kunsill għandu jivverifika mal-iMtarfa FC dwar jekk hux possibbli li jallokaw ftit ħin fil-ġimgħa għall-użu ta' grawnd għat-tfal li m'humiex fin-*Nursery*.

4.7 Hawnhekk il-Kunsill aċċetta li l-Kunsillier Scerri Diacono jsemmi xi punti minħabba li kellu jitlaq kmieni.

4.8 Fuq suġġeriment tal-Kunsillier Scerri Diacono kien hemm qbil li tintbagħat talba lil TM sabiex jiġu installati żewġ *bus shelters* fil-*bypass*.

4.9 Fuq suġġeriment tal-Kunsillier Scerri Diacono, kien hemm qbil li tintbagħat talba sabiex jiġi estiż il-ħin tal-karozza tal-linja bin-numru 52.

4.10 Fuq suġġeriment tal-Kunsillier Scerri Diacono, kien hemm qbil li l-Kunsill għandu japplika sabiex iż-*zebra crossing* ta' Triq l-Imtarfa (ħdejn il-bandli) titmexxa aktar 'il fuq u dik li hemm preżentament titneħħa immedjatament.

4.11 Fuq suġġeriment tal-Kunsillier Scerri Diacono, kien hemm qbil li għandu jintbagħat ilment dwar xogħol ħażin ta' traqqigħ li sar fi Triq l-Imtarfa.

4.12 Il-Kunsillier Scerri Diacono informa li minħabba li ma kienx hemm biżżejjed parteċipanti għall-korsijiet tal-kompjuter, TCTC kien offra li jagħmel korsijiet ukoll matul ix-xitwa bl-istess ħlas. Għalkemm il-Kunsill apprezza dan, kien hemm qbil li s-SE għandha titlob li l-ammont pagabbli jitnaqqas minn dak oriġinali.

4.13 Fuq suġġeriment tal-Kunsillier Scerri Diacono, kien hemm qbil li titpoġġa *bollard* bil-katnazz fl-entratura tal-Ġnien tas-Sinjura minħabba li flgħaxija ġiet innutata vettura li tipparkja nofsha fuq il-bankina u nofsha fl-entratura. Sakemm titwaħħal huwa ġie mitlub li kemm-il darba terġa' tiġi nnutata, għandu jsir rapport immedjat lill-pulizija.

4.14 Hawnhekk il-Kunsillier Scerri Diacono skuża ruħu mil-laqgħa. Il-ħin kien l-9:45pm.

4.15 Is-Sindku talab lis-SE sabiex tibgħat kommunikazzjoni lir-residenti kollha sabiex ikunu infurmati bit-tabelli tal-pjazza. Huwa qal li r-residenti għandhom jiġu infurmati dwar ir-raġuni li saru dawn it-tabelli.

4.16 Is-Sindku informa li kellu talba sabiex l-iskips li hemm ħdejn il-bandli u li kellhom ikunu inkorporati fil-proġett jitneħħew. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

4.17 Is-Sindku informa li kellu talba mingħand grupp ta' ġuvintur u tfajliet żgħar sabiex jitħallew jorganizzaw bbq fil-Ġnien tas-Sinjura mingħajr ħlas (għall-permess). Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni. Is-SE infurmat li dawn xorta għandhom jintalbu jmorru l-Kunsill u jagħmlu l-permess meħtieġ.

4.18 Is-SE infurmat li kienet irċeviet l-applikazzjoni għall-meter tal-pannelli solari. Il-Kunsill qabel li għandu jagħżel li mill-enerġija ġġenerata għandhom jitħallsu l-kontijiet tal-Kunsill u kemm-il darba jkun fadal, il-Kunsill jitħallas lura tad-differenza.

4.19 Is-SE infurmat li l-*foreman* tal-bandli kien talabha sabiex issir fergħa tal-ilma temporanja. Din kienet tiswa €760 u għaldaqstant ħasset li kienet kemmxejn eċċessiva. Il-Kunsill ukoll ħass li m'għandux iħallas dan l-ammont u li kemm-il darba verament hemm bżonn ta' din il-fergħa, il-Kunsill kellu japplika għal servizz fiss minflok wieħed temporanju. Sadanittant is-Sindku informa li kienu nstabu żewġ spieri u li l-periti kienu qed jivverifikaw jekk dawn jistgħux jibdew jintużaw għat-tisqija tal-bandli.

4.20 Is-SE infurmat li TM kienet qed titlob informazzjoni dwar toroq residenzjali li qatt ma ġew mogħtija wiċċ. Kien hemm qbil li t-toroq li għandhom jiġu infurmati bihom kienu Triq il-Konti Manduca, Triq Ġużeppi Galea, Triq Mikiel Fsadni, Triq it-Torri l-Aħmar, Triq Prosperina u Triq A. Freemantle (parti).

4.21 Is-SE wasslet talba mingħand residenta li toqgħod ħdejn taż-żebgħa sabiex jitpoġġew barriers tal-ħadid quddiem id-dar minħabba li l-vetturi jipparkjaw fuq il-bankina. Kien hemm qbil li għandha tintbagħat talba lil TM għall-*barriers* u jekk it-talba ma tiġix aċċettata jintalbu li jsiru sinjali taħt il-bankina.

4.22 Hawnhekk il-Kunsillier Vella ssuġġerixxa li l-bankina mal-faċċata tat-triq tidħol xi ftit 'il ġewwa sabiex takkomoda aħjar lill-vettura tal-Arriva filwaqt li jkun hemm aċċess aħjar għall-vetturi fi Triq l-Imtarfa. Kien hemm qbil iżda li għalkemm parti

mill-bankina hija wiesgħa, il-parti ta' qabilha hija dejqa u għaldaqstant xorta waħda kien se jkun diffiċli għall-Arriva li tidħol fil-*bus-bay* minħabba l-kobor tagħha.

4.23 Is-SE infurmat li kienet irċeviet ittra mingħand il-kumitat ta' Binja Santa Luċija wara li allegatament il-kuntrattur tal-iskart goff għamel xi ħsara fuq il-madum hu u jniżżel xi affarijiet minn fuq. Il-Kunsill qabel li għandu jgħaddi l-ittra u r-ritratti lill-kuntrattur.

4.24 Is-SE wasslet talba mingħand resident li joqgħod fi Triq San David sabiex titneħħa l-bring in site li hemm faċċata ta' Triq ir-Reġimenti Maltin. Il-Kunsill ma qabilx li din titneħħa iżda talab lis-SE sabiex tassigura li l-kuntrattur jagħmel it-tindif neċessarju u b'mod regolari kull meta jbattal l-iskips.

## 5. Rapport Amministrattiv – Sena ta' Ħidma 2011

5.1 Is-SE preżentat kopja tar-rapport amministrattiv li jkopri s-sena ta' ħidma 2011. Dan ġie approvat u jinsab mehmuż.

## 6. Punti mil-laqgħa tal-lokalità

6.1 Il-minuti tal-laqgħa tal-lokalità, kopja tagħhom mehmuża, ġew meqjusa bħala moqrija.

6.2 Sadanittant, ittieħdu dawn id-deċizjonijiet mill-punti mressqa:

a) B'mod immedjat għandha titneħħa *ż-zebra crossing* ta' Triq l-Imtarfa u tintbagħat korrispondenza lil TM sabiex tersaq aktar 'il fuq, hekk kif deċiż aktar qabel f'din il-laqgħa.
b) Għandha terġa' ssir talba mill-ġdid għal ATM fil-lokalità tal-Imtarfa.
c) Kien hemm qbil li l-kennies m'għandux jintalab inaddaf l-ewwel parkeġġ ta' Binja Qlejgħa minħabba li kien hemm kwistjoni bejn il-Kunsill u l-Awtorità tad-Djar dwar min hu responsabbli għalih.
d) Il-Kunsill qabel li jkun hemm servizz ta' gwardjan aktar spiss madwar il-lokalità.
e) Għandhom jitħawlu xi siġar/fjuri fi Ġnien is-27 ta' April kull meta jiġi ċċelebrat Jum l-Imtarfa.
f) Għat-talba sabiex isir sinjal isfar/abjad fi Triq Sir Leslie Rundle, ittieħed vot fejn b'żewġ voti kontra wieħed (tal-Kunsillier Vella), kien hemm qbil li dan is-sinjal m'għandux isir.
g) Se tintbagħat talba lill-Arriva biex jiġi estiż il-ħin tan-*nightbus*.
h) Fuq suġġeriment tal-Kunsillier Vella kien hemm qbil li għandu jsir avviż mar-residenti dwar voluntieri għan-*neighbourhood watch*.
i) Il-Kunsill ma qabilx li għandu jibdel l-isem ta' Triq San Oswald għal Triq San Nikola.
j) Se jiġu infurmati l-pulizija bil-periklu minn residenti li jidħlu għal Triq Sir Leslie Rundle kontra s-sinjali tat-traffiku.
k) Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jara li jkun hemm aktar infurzar viċin Angelo Store u Mtarfa Ironmongery.

## 7. Punti oħra

7.1 Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni għas-suġġeriment tal-Viċi Sindku li jagħmel gradilja tal-ħadid ma' niċċa viċin Binja San David. Huwa informa li waħda mir-residenti kienet offriet li tixtri statwa personalment.

7.2 Fuq suġġeriment tal-Viċi Sindku, il-Kunsill approva li jitpoġġa dawl bejn Binja Santa Luċija u l-*Club House* minħabba li kien hemm ħafna dlam. Kienet se tinġab stima għal dan ix-xogħol.

7.3 Fuq suġġeriment tal-Kunsillier Vella kien hemm qbil li s-SE għandha tikkomunika mal-kumitat tad-Depiro sabiex inaddfu l-ħaxix li hemm fil-viċin minħabba l-periklu.

7.4 Il-Viċi Sindku informa li matul ix-xahar li għadda l-ħaddiema tal-Kunsill kienu maġġorment involuti sabiex isir *fencing* ġdid fi Triq San Oswald.

7.5 Fuq rakkomandazzjoni tal-Kunsillier Vella, kien hemm qbil li l-ħaddiema għandhom ineħħu r-*reserved parking* li hemm fi Triq l-Imtarfa minħabba li l-persuna b'diżabbilità kienet mietet.

7.6 Il-Kunsillier Vella talab li l-Kunsill jindirizza l-problema tal-ilma viċin il-garaxxijiet ta' Binja Ġebel Dwejra. Il-Kunsill assigurah li din il-problema kienet se tingħata prijorità meta l-Kunsill ikollu perit tiegħu.

7.7 Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Vella, is-SE infurmat li kienet tat l-ordni lill-*electrician* biex jagħmel id-dawl bejn l-isnack bar u l-kappella bħalma ġie deċiż mill-Kunsill iżda jidher li ma kienx għadu sar. Hija kienet se terġa' tagħmel kommunikazzjoni miegħu.

7.8 Fuq suġġeriment tal-Kunsillier Vella, il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li tintbagħat talba għal żbir tas-siġar li jinsabu fil-*bypass* tal-Imtarfa.

7.9 Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Vella dwar siġra li qegħda fil-proprjetà ta' Binja Santa Luċija u li għandha bżonn tinqata', kien hemm qbil li ladarba qegħda fi proprjetà privata, il-Kunsill għandu jirċievi t-talba uffiċjalment mingħand il-kumitat tal-binja qabel tittieħed l-azzjoni min-naħa tal-Kunsill.

7.10 Għat-talba tal-Kunsillier Vella, ma nstabitx oġġezzjoni li l-Kunsill jitlob l-approvazzjoni ta' TM għal tpoġġija ta' sleeping policeman viċin ta' Binja Ġebel Dwejra fi Triq San David.

7.11 Kien hemm qbil li għandha tintbagħat talba lill-Awtorità tad-Djar sabiex itellgħu ħajt bejn iż-żewġ blokok mitluqa li hemm fi Triq l-Anzjani sabiex ma tibqax tintuża bħala miżbla u għaliex qed tagħti impressjoni kerha ħafna.

## 8. AĠĠORNAMENT

8.1 Il-laqgħa spiċċat fil-10:55pm. Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar il-Ħamis 23 ta' Awwissu 2012 fis-7:00pm.

| | |
|---|---|
| **Josette Micallef** | **Anthony Mifsud** |
| **Segretarju Eżekuttiv** | **Sindku** |